# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2587

## tat-18 ta' Awwissu 2022

## li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-deroga għad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) fl-ilmijiet territorjali tal-Italja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2376 ([2]) ta deroga dwar il-gandoffli ta' Venere mid-daqs minimu ta' referenza (MCRS) għall-konservazzjoni għal tul totali ta' 22 mm fis-Subżoni Ġeografiċi 9, 10, 17 u 18 tal-ilmijiet territorjali tal-Italja tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM), wara rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Italja, li hija l-uniku Stat Membru b'interess ta' ġestjoni dirett fl-ilmijiet territorjali tiegħu. Din kienet tgħodd mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/3 ([3]), kif emendat bir-Regolament Delegat (UE) 2020/2237 ([4]), estenda dik id-deroga mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022.

(3) Fit-18 ta' Marzu 2022, l-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura tal-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2019/1241, rakkomandazzjoni konġunta ġdida li titlob li tiġi stabbilita d-deroga mill-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tad-daqs minimu ta' referenza għall-gandoffli ta' Venere fl-istess ilmijiet territorjali tal-Italja. Il-Kunsill Konsultattiv tal-Mediterran (MEDAC) ġie kkonsultat dwar dan u jappoġġa r-rakkomandazzjoni konġunta.

(4) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta r-rakkomandazzjoni konġunta u l-evidenza xjentifika ta' sostenn ippreżentata mill-Italja fis-sessjoni plenarja tiegħu mill-21 sal-25 ta' Marzu 2022 (STECF 22-01) ([5]). L-STECF enfasizza li l-bijomassa kummerċjali żdiedet jew baqgħet l-istess f'9 minn 13-il kompartiment immonitorjati bejn l-2017 u l-2020. L-STECF ikkonkluda li l-qabdiet tal-gandoffli ta' Venere huma magħmula minn adulti u li l-gandoffli ta' daqs iżgħar min-normal skartati huma primarjament adulti li se jibqgħu ħajjin wara li jerġgħu jindifnu f'qiegħ il-baħar. L-STECF ikkonkluda li l-frazzjoni immatura tal-popolazzjoni tal-gandoffli ta' Venere ma hijiex affettwata globalment minn dan is-sajd bid-deroga attwali tal-MCRS u li t-tnaqqis tal-MCRS minn 25 mm għal 22 mm għadu konsistenti mal-objettiv li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber, kif meħtieġ mill-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2019/1241. Barra minn hekk, l-evidenza xjentifika wriet li daqs ta' 22 mm huwa akbar mid-daqs fil-maturità tal-gandoffli ta' Venere (bejn 11 u 12-il mm) u kapaċi jipproduċi għadd

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2376 tat-13 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan għall-iskart tal-mollusk bivalv *Venus* spp. fl-ilmijiet territorjali tal-Italja (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 48).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/3 tat-28 ta' Awwissu 2019 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-gandoffli Venus (*Venus* spp.) fl-ilmijiet territorjali tal-Italja (ĠU L 2, 6.1.2020, p. 1).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2237 tat-13 ta' Awwissu 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/3 fir-rigward tad-deroga għad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) fl-ilmijiet territorjali tal-Italja (ĠU L 436, 28.12.2020, p. 1).

([5]) Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries – 69th Plenary Report (PLEN 22-01), Ulrich, C. and Doerner, H editor(s), EUR 28359 EN, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, disponibbli minn: https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/22954277/STECF+PLEN+22-01.pdf/c2566fed-7daf-4e50-bf9f-ad39b966d0c4

kbir ta' ooċiti, li jiggarantixxu l-isfruttament sostenibbli tal-gandoffli ta' Venere, dment li titwettaq ġestjoni xierqa tas-sajd. F'dan il-kuntest, l-STECF innota li l-mudell ta' sfruttament tal-gandoffli ta' Venere fl-ilmijiet territorjali tal-Italja kkonċernati jista' jipproteġi ż-żona ta' tkabbir, jipproteġi u jtejjeb iż-żona tal-ġemgħat tat-tnissil u jattiva mill-ġdid il-postijiet għas-sajd affettwati mid-difiża kostali u mix-xogħol ta' nutriment fuq il-bajjiet. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-daqs minimu ta' referenza ta' 22 mm għall-konservazzjoni tal-gandoffli ta' Venere flimkien mal-miżuri adottati mill-Italja minn meta tibda tapplika d-deroga, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(4)(d) tar-Regolament (UE) 2019/1241.

(5) Madankollu, l-STECF ikkonkluda li l-elementi inklużi fil-pjan ta' ġestjoni ma jippermettux li jiġu vvalutati l-impatti futuri tal-bidla fil-miżuri tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni u li jkun meħtieġ immudellar tal-popolazzjonijiet sabiex jiġu evalwati l-impatti futuri tal-bidla fil-miżuri tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni u sabiex l-effett relattiv tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jiġi sseparat mill-effetti l-oħrajn tal-pjan, u tal-fatturi ambjentali. L-Italja aċċettat uffiċjalment li tippreżenta d-*data* rilevanti għall-immudellar tal-popolazzjoni.

(6) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, abbażi tal-informazzjoni miġbura f'dan l-istadju fir-rakkomandazzjoni konġunta, il-valutazzjoni tal-MEDAC u l-valutazzjoni tal-STECF (STECF 22-01) u l-impenji li saru mill-amministrazzjoni Taljana, id-deroga għall-MCRS tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti għall-miżuri tekniċi fl-Artikoli 15 u 18 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

(7) Għalhekk l-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(8) Il-pjan ta' ġestjoni Taljan jispeċifika li l-Italja se timmonitorja mill-qrib l-istokkijiet tal-gandoffli ta' Venere permezz ta' rapporti li se jintbagħtu lill-Kummissjoni kull sena.

(9) Il-miżuri ssuġġeriti fir-rakkomandazzjoni konġunta huma konformi mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u 15(4) tar-Regolament (UE) 2019/1241.

(10) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mas-sajd u l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni, jenħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Sal-15 ta' Jannar 2023, permezz tas-sit web sigur tal-kontroll tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-lista tal-bastimenti kollha awtorizzati li jistadu għall-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) bl-użu ta' gangmi idrawliċi fl-ilmijiet territorjali tal-Italja tas-Subżoni Ġeografiċi 9, 10, 17 u 18 tal-GFCM lill-Kummissjoni. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom iżommu din il-lista aġġornata f'kull ħin.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Is-sebgħa u għoxrin entrata fit-tabella fil-Parti A tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 hija emendata kif ġej:

| | |
|---|---|
| "Gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) | 25 mm ([1]) |

([1]) Permezz ta' deroga, mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2025, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-Gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) għandu jkun 22 mm fl-ilmijiet territorjali Taljani fis-subżoni ġeografiċi 9, 10, 17 u 18 tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011."